Port Regional Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 15/2022 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: It-Tlieta, 20 ta' Diċembru 2022

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post – 97, Triq Santa Marija, Tarxien u Online, Zoom '

| | | | |
|---|---|---|---|
| Chev Paul Farrugia | President | Reġjun Port | Preżenti |
| Is-Sur Marco Agius | Sindku | Kunsill Lokali Bormla | Skużat |
| Sur John Boxall | Sindku | Kunsill Lokali Birgu | Assenti |
| Sur Pierre Dalli | Sindku | Kunsill Lokali Fgura | Preżenti |
| Sur Vincent Borg | Sindku | Kunsill Lokali Floriana | Preżenti |
| Sur Clive Pulis | Sindku | Kunsill Lokali Isla | Skużat |
| Sur Wayne Aquilina | Sindku | Kunsill Lokali Kalkara | Preżenti |
| Sur Dominic Grima | Sindku | Kunsill Lokali Paola | Preżenti |
| Sur Joseph Abela Galea | Sindku | Kunsill Lokali Tarxien | Skużat |
| Sur Alfred Zammit | Sindku | Kunsill Lokali Valletta | Assenti |
| Sur Neil Attard | Sindku | Kunsill Lokali Xgħajra | Online |
| Sur Jorge Grech | Sindku | Kunsill Lokali Zabbar | Preżenti |
| Sa Lianne Cassar | Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv | Reġjun Port | Preżenti |

**15. 1 Ittri ta' Apoloġija**

15.1.1 Il-President irringrazzja lil dawk kollha li setgħu jattendu għal-laqgħa. Il-President talab sabiex is-Sur Agius, is-Sur Pulis is-Sur Abela Galea ikunu skużati mil-laqgħa minħabba impennji personalli. Semma li s-Sur John Boxall u s-Sur Alfred Zammit ma nfurmax li mhux ser jattendi u għaldaqstant jiġi mmarkt bħala assenti.

15.1.2 Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Dominic Grima, il-kumitat qabel ma' dak propost.

**15.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.13**

15.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 14 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Vincent Borg, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

**15.3 Punti maħruġa mill-Minuti Laqgħa Nu 13**

| | |
|---|---|
| **15.3.1 Ħaddiema RSSL** | Il-President semma l-grupp tal-ħaddiema li jaħdmu fil-kostruzzjoni ser ikunu fi Frar ġewwa Raħal Ġdid, Marzu ġewwa Xgħajra, April ġewwa l-Furjana u f' Ġunju ġewwa l-Fgura. |
| **15.3.2 Sejħa għal ġbir tal-iskart** | Il-President semma li r-Reġjun stampa madwar 35,000 flyer informattiv bl-iskeda Nazzjonali tal-iskart kif ukoll b' lingwi u d-dettalji tal-Kunsilli Lokali kollha fi ħdan ir-Reġjun. Semma li dawk li jixtieq jqasmu l-flyers huma bil-ħaddiema tal-Kunsill Lokali jistgħu jiġbru l-flyers fil-jiem li ġejjin. Mnn m' għandux biex iqassam dawn il-flyers infurmahom li r-Reġjun ser ikun qed jieħu ħsieb iqassamhom bil-posta fil-lokalitajiet.<br>Dawk preżenti qablu li r-Reġjun għandu jorganizza laqgħa flimkien mal-ERA, LESA u l-Pulizija tal-Komunita'.<br>Il-President semma li l-iskips ser ikun meqjusa bħala servizzi addizzjonali u għaldaqstant, il-kuntrattur ser ikun qed jibgħat il-prezz għal dan is-servizz. |
| **15.3.3 Konsultazzjoni – Strateġija għall-Gvern Lokali** | Il-President semma li r-Reġjun Port kien ipparteċipa bi sħiħ f' din il-konsultazzjoni. Is-Sur Aquilina irringrazzja lil sħabu li kienu preżenti għal-laqgħa u semma li r-Reġjun kien preparat tajjeb, semma li dan jixhdu l-interventi li saru fil-laqgħa. |
| **15.3.4 Deputat Reġistratur** | Il-President semma li s-seduti ta' Diċembru kienu qed isiru bl-għajnuna tal-Aġent Deputat Reġistratur li talbu li tassisti mit-Tribunal ta' Nofsinhar. |
| **15.3.4 Mandat ta' Inibizzjoni – Ex Segretarju Eżekuttiv Reġjun Port** | Il-President semma li l-mandat kien mirbuħ mir-Reġjun u għaldaqstant ir-Reġjun flimkien mal-Kunsilli Lokali l-oħra jistgħu jkomplu bis-sejħa tal-postijiet vakanti ta' Segretarju Eżekuttiv.<br>Il-President semma li għad fadal l-kwa'a fi Tribunal Industrijali. Semma li din ser tkun qed tinstema f' Jannar 2023. |

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

**15.3.5 Skema Latrini Awtomatiċi**

Il-President semma li wara li r-Reġjun wera interess sabiex il-Kunsilli Lokali jibbenifikaw mill-iskema mnedija mill-SPI finanzjament ta' latrini awtomatiċi, kellu konferma li l-interess tar-Reġjun ġie milqgħuh u ser ikun qed jibbenifika minn din l-iskema. Il-President semma li r-Reġjun kien qed jistenna kopja tal-kuntratt iffirmat.

**15.3.6 Trasferiment ta' Leave**

Is-Sur Grech spjega li jkun fl-interess ta' kull Kunsill Lokali li r-Reġjun oħroġ sejħa għall-Perit għal dan il-proġett. Il-Perit jassisti kemm fil-BoQ kif ukoll fid-disinn.
Qablu li l-ewwel għandhom jiġu dentifikati dawn il-latrini. Wara bl-assistenza tal-Perit isir survey, jinħoloq disin komuni kif ukoll titlesta l-BoQ.
Il-President semma li kien hemm talba mill-ħaddiema tar-Reġjun sabiex ikun hemm trasferiment ta' leave li ma intużax fis-sena 2022. Semma li huwa ma jsib l-ebda oġġezzjoni li dan il-leave jiġi trasferit għas-sena 2023, dan meta anki huwa konformi ma' dak stabbilit fil-ftehim kollettiv.

**15.4 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu 12**

15.4.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn mis-Sur Vince Borg u s-Sur Neil Attard ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-18 ta' Novembru 2022 sa 20 ta' Diċembru 2022 li kienet tammonta għall-€28,301.60.

**15.5 Preżentazzjoni u approvazzjoni Business Plan 2023 – 2026**

15.5.1 Il-President ressaq għad-diskussjoni u l-approvazzjoni l-Business Plan gaħs-snin 2023 - 2026.

15.5.2 Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur jorge Grech, il-Kumitat approva unimament ir-rapport hekk kif preżentat.

**15.6 Performance Appraisals**

15.5.1 Il-President ressaq għall-approvazzjoni r-rapporti tal-performance appraisals tal-ħaddiema klerika li hemm mar-Reġjun kif ukoll ma' Tribuna. Ressaq ukoll għall-approvazzjoni l-appraisal report ta' Aġent Deput Reġistratur kif ukoll tal-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv. Il-President semma li r-rapport kollha ġew diskussi ma-ħaddiema, tant li huma kien u diġa ffirmawhom.

15.5.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Dominic Grima, l-Kumitat approva r-rapporti hekk kif preżentati.

**15.7 Aġġornament**

15.7.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-19:45, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar il-Ħamis, 26 ta' Jannar 2023 fil-17:30 ġewwa l-Uffiċju tar-Reġjun.

**Chev Paul Farrugia**
**President Reġjun Xlokk**

**Lianne Cassar**
**Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv**